

Brussell, 13 ta' Novembru 2023
(OR. en)

14512/23

COPS 542
POLMIL 301
ESPACE 84
CONOP 113
EUMC 473
EU-GNSS 20
TRANS 497
CSC 522
CSDP/PSDC 767
CFSP/PESC 1526

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: Suġġett:	ST 14509/23 COPS 512 POLMIL 284 ESPACE 77 CONOP 102 EUMC 452 EU-GNSS 18 TRANS 454 CSC 501 CFSP/PESC 1447 CSDP/PSDC 730 Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża

Id-delegazzjonijiet isibu meħmużin il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża, kif approvati mill-Kunsill fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Novembru 2023.

**Konklużjonijiet tal-Kunsill
dwar l-Istrateġija Spazjali tal-UE għas-Sigurtà u d-Difiża**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

FILWAQT LI JFAKKAR FIL-:

- Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża – Għal Unjoni Ewropea li tipproteġi liċ-
ċittadini, il-valuri u l-interessi tagħha u tikkontribwixxi għall-paċi u s-sigurtà
internazzjonali¹,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2023 dwar l-"Użu ġust u sostenibbli tal-
ispazju"²,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-10 ta' Ġunju 2022 dwar "Approċċ tal-UE għall-ġestjoni
tat-traffiku spazjali"³,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-23 ta' Mejju 2022 dwar l-iżvilupp tal-pożizzjoni
ċibernetika tal-Unjoni Ewropea⁴,
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-21 ta' Ġunju 2022 dwar Qafas għal reazzjoni koordinata
tal-UE għal kampanji ibridi⁵
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Novembru 2020 dwar l-Orjentazzjonijiet dwar il-
kontribut Ewropew fl-istabbiliment ta' prinċipji ewlenin għall-ekonomija spazjali
globali⁶,

¹ 7371/22.

² 9675/23.

³ 10071/22.

⁴ 9364/22.

⁵ 10016/22.

⁶ 12851/20.

1. JIRRIKONOXXI li t-teknoloġija, id-data u s-servizzi tal-ispazju saru indispensabbli għas-soċjetajiet u l-ekonomiji Ewropej u fil-ħajja ta' kuljum tal-Ewropej u li jmxu 'l quddiem ir-riċerka, l-iżvilupp teknoloġiku u l-innovazzjoni, waqt li joħolqu opportunitajiet ta' impjieg u tkabbir ekonomiku, iżidu l-kompetittività Ewropea, jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jipproteġu u jissalvagwardaw l-UE u ċ-ċittadini tagħha u jsaħħu r-reżiljenza u s-sigurtà tal-UE; għalhekk JAFFERMA MILL-ĠDID in-natura strateġika tal-ispazju u n-neċessità li bħala Ewropej nindirizzaw l-isfidi attwali u futuri f'dan il-qasam; JENFASIZZA d-determinazzjoni tal-UE, li bħala potenza spazjali mondjali, ttrrispondi għal dawn l-isfidi fl-immedjat u fit-tul;

2. JAFFERMA MIL-ĠDID li l-ispazju huwa beni komuni globali, ħieles għall-esplorazzjoni u l-użu mill-istati kollha mingħajr ebda diskriminazzjoni, fuq bażi ugwali u f'konformità mad-dritt internazzjonali; ITENNI li d-dritt internazzjonali, b'mod partikolari l-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti u d-dritt umanitarju internazzjonali, huwa applikabbli għall-ispazju ekstrasferiku; u JFAKKAR li t-Trattat dwar l-Ispazju Ekstrasferiku, it-trattati l-oħra tan-NU dwar l-ispazju ekstrasferiku, kif applikabbli, u l-prinċipji gwida żviluppati fil-qafas tan-NU jikkostitwixxu l-pedament tal-governanza globali fl-ispazju ekstrasferiku u jipprovdu qafas essenzjali għall-esplorazzjoni paċifika u l-użu tal-ispazju ekstrasferiku għall-benefiċċju tal-pajjiżi kollha, irrispettivament mill-grad ta' żvilupp ekonomiku jew xjentifiku tagħhom; b'hekk JISĦAQ FUQ l-importanza li l-attivitajiet fl-ispazju jgħidqu f'konformità magħhom; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tippreżenta r-riżultati tal-analiżi tal-elementi u l-implikazzjonijiet legali tad-dikjarazzjoni tal-aċċettazzjoni mill-UE tad-drittijiet u l-obbligi skont it-Trattati u l-Konvenzjonijiet rilevanti tan-Nazzjonijiet Uniti dwar l-Ispazju Ekstrasferiku, kif mistenni jsir mill-potenzi spazjali l-kbar kollha, u fejn xieraq, tħejji proposta dwar dan is-suġġett;

3. JINNOTA li l-ispazju ekstratmosferiku huwa qasam li qed isir dejjem aktar konġestjonat u kkontestat u li l-isfidi għall-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli żdiedu fl-aħħar snin; JENFASIZZA li l-imġiba irresponsabbli u ostili fil-qasam tal-ispazju intensifikat fl-aħħar snin u żiedet ir-riskju ta' effetti kollaterali fuq iċ-ċittadini, l-organizzazzjonijiet, l-industriji, u n-negozji Ewropej; ITENNI l-impatt negattiv tal-provi distruttivi ta' missili ASAT (antisatellitari) bi tluġh dirett, kemm fuq il-perċezzjoni ta' theddid kif ukoll fuq il-ġenerazzjoni ta' residwi spazjali, li jistgħu jxekklu l-aċċess liberu għall-ispazju; IFAKKAR li l-aktar prova reċenti mir-Russja ta' missila antisatellitari f'Novembru 2021, li ġġenerat ammont sinifikanti ta' residwi spazjali, u ċ-ċiberattakk fuq l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni spazjali ta' Viasat, li seħħ fi Frar 2022 mal-eskalazzjoni tal-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-tnejn kellhom effetti kollaterali sinifikanti, li juri li s-sigurtà spazjali, is-sikurezza spazjali, u ċ-ċibernetika huma interkonnessi mill-qrib; JISSOTTOLINJA li t-theddid għall-infrastruttura, is-sistemi u s-servizzi spazjali jista' jkun parti integrali mill-istrateġiji ibridi b'taħlita ta' intimidazzjoni, destabilizzazzjoni u tfixkil ekonomiku, u jista' jħalli konsegwenzi imprevedibbli fuq firxa wiesgħa ta' utenti; JENFASIZZA li mġiba bħal din tħalli impatt fuq is-sigurtà u d-difiża tal-UE u fuq l-Istati Membri u i-ċittadini tagħha;

4. JIRRIKONOXXI li l-imġiba irresponsabbli u ostili fl-ispazju, inkluż it-tentattivi ta' interferenza tal-infrastruttura, tas-sistemi u tas-servizzi tal-ispazju, u ta' manipulazzjoni, tfixkil, jew qerda tagħhom, tista' xxekkel servizzi spazjali essenzjali; JENFASIZZA li din għandha l-potenzjal li ddgħajfef is-sikurezza u s-sigurtà tal-UE, tal-Istati Membri u taċ-ċittadini tagħha, u s-sigurtà ekonomika tagħha, u taffettwa s-servizzi essenzjali, fosthom is-servizzi li jappoġġaw l-istituzzjonijiet u l-proċessi demokratiċi, kif ukoll tqiegħed is-sigurtà u l-istabbiltà internazzjonali f'riskju;
5. IFAKKAR li l-ispazju huwa importanti għall-UE biex taġixxi fil-libertà u tiegħu deċiżjonijiet awtonomi dwar is-sigurtà u d-difiża; u JTENNI l-importanza tal-ispazju bħala qasam operazzjonali għas-sigurtà u d-difiża, flimkien mal-art, il-baħar, l-ajru u ċ-ċibernetika;
6. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu r-reżiljenza tal-assi spazjali tal-UE u l-kapaċità li l-imġiba ostili u irresponsabbli tinqabad u tiġi identifikata minnufih, u li r-rispons li jsir ikun proporzjonat, effettiv, u sod, bl-użu tal-għodod kollha disponibbli tal-UE, f'koordinazzjoni mal-Istati Membri tal-UE, skont il-kompetenzi nazzjonali tagħhom u f'konformità mal-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri;

7. JAGĦRAF l-importanza tal-iżvilupp ta' sistemi u servizzi spazjali ta' użu doppju biex kemm jista' jkun il-ħtiġijiet tas-sigurtà u difiża tal-utenti jitqiesu mill-bidu, filwaqt li jiġi ggarantit il-livell neċessarju ta' sigurtà u reżiljenza u tinżamm in-natura ċivili tal-Programm Spazjali tal-Unjoni; u JTENNI r-rilevanza ta' soluzzjonijiet spazjali downstream għas-sigurtà u d-difiża u l-ħtieġa li tiġi appoġġata l-adozzjoni mill-utenti; JISSOTTOLINJA li dan jikkontribwixxi għat-trawwim tal-innovazzjoni fl-UE, għat-tisħiħ tal-kompetittività tas-settur tal-ispazju, u għaż-żieda fil-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri;
8. JENFASIZZA li r-rilaxx ta' strateġiji, duttrini u politiki pubbliċi dwar is-sigurtà spazjali huwa miżura ewlenija ta' trasparenza u ta' tisħiħ tal-fiduċja, kif rikonoxxuta min-Nazzjonijiet Uniti, u li jikkontribwixxi biex jiċċara l-intenzjonijiet u juri kemm l-UE u l-Istati Membri tagħha jinsabu lesta li jipprevjenu u jirrispondu għat-theddid;
9. F'dan il-kuntest, JILQA' l-Komunikazzjoni Konġunta "L-Istrateġija tal-Unjoni Ewropea għas-Sigurtà u d-Difiża"⁷; IQIS li din hija l-pedament meħtieġ sabiex in-natura strateġika tal-ispazju tiġi indirizzata sewwa; u JISĦAQ FUQ il-ħtieġa tal-implimentazzjoni f'waqtha tal-azzjonijiet maqbula mill-Istati Membri f'dawn il-konklużjonijiet tal-Kunsill;

⁷ 7315/23.

I. INŻIDU L-FEHIM TAGĦNA TAT-THEDDID SPAZJALI

10. JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex f'koordinazzjoni mal-Istati Membri u waqt li juża l-għarfien espert tagħhom, iħejji analiżi annwali klassifikata tax-xenarju tat-theddid spazjali li tiffoka fuq l-atturi li qed jheddu lill-UE fil-qasam tal-ispazju; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex jaqsam din l-analiżi mal-Istati Membri tal-UE kif ukoll mal-partijiet ikkonċernati rilevanti tal-UE li jkollhom bżonn din l-informazzjoni; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni, kif ukoll lill-atturi spazjali pubbliċi u privati, biex jikkontribwixxu għall-fehim tat-theddid spazjali permezz tal-monitoraġġ tas-sigurtà tal-Programmi Spazjali tagħhom; JAPPELLA lill-Kapaċità Unika ta' Analiżi tal-Intelligence (SIAC) biex tinkludi l-analiżi annwali tax-xenarju tat-theddid spazjali fir-rieżami tal-analiżi tat-theddid tal-UE;
11. Għal dan l-għan, JINKORAĠĠIXXI t-tisħiħ tas-SIAC taħt ir-Rappreżentant Għoli, flimkien mas-servizzi militari u ċivili tal-intelligence tal-Istati Membri, bil-ħsieb li jizzied il-fehim strateġiku tagħhom tat-theddid spazjali u l-kontrospazju, billi jinkludhom fir-reqwiziti tal-intelligence; JILQA' l-kontribut taċ-Ċentru Satellitari tal-UE (Satcen) b'appoġġ għas-SIAC bħala kapaċità strumentali awtonoma tal-UE li tipprovdi intelligence ġeospazjali;

II. INSAĦĦU R-REŻILJENZA U L-PROTEZZJONI TAS-SISTEMI U S-SERVIZZI SPAZJALI FL-UE

12. JENFASIZZA l-importanza li jkompli jżdied il-livell ta' protezzjoni u ta' reżiljenza tas-sistemi u s-servizzi tal-ispazju, kif ukoll l-ktajjen tal-valur, fl-UE u fl-Istati Membri tagħha;

13. JISĦAQ FUQ il-ħtieġa ta' qafas komuni ta' reżiljenza tal-UE li jqis l-ispeċifitàjiet tas-settur spazjali u tal-bażi industrijali tiegħu, it-theddid multidimensjonali għas-sigurtà li jaffettwa l-infrastrutturi, is-sistemi u s-servizzi spazjali, u l-ħtieġa li tiġi evitata l-frammentazzjoni tas-suq uniku għas-servizzi u l-prodotti spazjali, filwaqt li tissaħħaħ il-kompetittività globali tal-Industrija Spazjali tal-UE; JIRRIKONOXXI l-intenzjoni tal-Kummissjoni li, abbażi ta' valutazzjoni tal-impatt u konsultazzjoni mal-partijiet ikkonċernati, tipproponi proposta leġiżlattiva ("liġi tal-UE dwar l-ispace") imfassla għall-ħtiġijiet tas-settur spazjali u li tindirizza aspetti ewlenin tar-reżiljenza, is-sikurezza u s-sostenibbiltà tal-attivitajiet spazjali, li għandha tikkomplementa lid-Direttiva NIS 2 u lid-Direttiva dwar ir-reżiljenza tal-entitajiet kritiċi, tikkontribwixxi għad-definizzjoni u l-promozzjoni ta' standards komuni, u tippromwovi l-imġiba responsabbli fl-ispace f'konformità mad-diskussjonijiet li għaddejjin fin-NU; JAPPOĠĠA konsultazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u JFAKKAR fil-ħtieġa tar-rispett sħiħ tal-kompetenzi u l prerogattivi tagħhom, fosthom is-salvagwardja tas-sigurtà nazzjonali tagħhom; IFAKKAR fil-ħtieġa tar-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-proporzjonalità fid-definizzjoni u fl-implimentazzjoni tar-rekwiżiti tas-sigurtà, waqt li jitqiesu l-ispeċifitàjiet fil-kapaċitajiet teknoloġiċi tal-Istati Membri; JISSOTTOLINJA r-rwol tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Programm Spazjali (EUSPA) bħala l-istruttura ta' monitoraġġ tas-sigurtà spazjali tal-Programm Spazjali tal-UE, JISĦAQ FUQ ir-rwol ewlieni tagħha li tiżgura s-sigurtà operazzjonali tas-sistemi ta' satellita tal-UE, u b'hekk tikkontribwixxi għall-awtonomija strateġika tal-UE, u JAPPELLA għall-istabbiliment ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-EUSPA u ċ-ċentri nazzjonali ta' monitoraġġ tas-sigurtà;

14. JAGĦRAF l-importanza tat-tisħiħ tas-sensibilizzazzjoni u r-reżiljenza tal-industrija spazjali tal-UE, speċjalment billi l-atturi kummerċjali li jikkontribwixxu għas-sigurtà u d-difiża tal-UE u tal-Istati Membri tagħha jistgħu potenzjalment jisfaw fil-mira ta' azzjoni ostili; u għalhekk, JILQA' l-proposta tal-Kummissjoni li tistabbilixxi ċ-Ċentru Spazjali tal-UE tal-Kondiviżjoni u tal-Analiżi tal-Infommazzjoni (ISAC) fl-2024, bl-appoġġ tal-EUSPA, sabiex tiffaċilita l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar miżuri ta' reżiljenza, tiżviluppa l-għarfien espert dwar is-sigurtà, u ssaħħaħ ir-reżiljenza tal-industrija spazjali tal-UE, inkluż atturi kummerċjali ġodda ("Spazju Ġdid");
15. JAGĦRAF il-hteġa li jkompli jsaħħaħ is-sovranià u l-kompetittività teknoloġiċi tas-settur spazjali tal-UE permezz tas-sigurtà tal-provvista u l-aċċess bla xkiel għat-teknoloġiji kruċjali rilevanti għall-ispazju, filwaqt li jippreserva wkoll il-kooperazzjoni ta' benefiċċju reċiproku ma' sħab tal-istess fehma; JISĦAQ FUQ l-importanza ta' Task Force Konġunta bejn il-Kummissjoni (bl-appoġġ tal-EUSPA), l-Aġenzija Spazjali Ewropea u l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tqis il-ħtiġijiet tas-sistemi spazjali tal-UE fl-"Att dwar iċ-Ċipep", bl-għan li jiġu żviluppati komponenti li għalihom ġew identifikati dipendenzi kruċjali u li jiġu appoġġati l-ktajjen tal-provvista tal-UE li huma kruċjali għall-missjonijiet spazjali tal-UE, b'mod partikolari l-Programmi Spazjali tal-UE; JINNOTA r-rieżami li qed isir mill-Kummissjoni tar-regolament tal-iskrinjar tal-investiment dirett barrani u r-rilevanza tiegħu għall-iskrinjar tal-FDI fejn ġie identifikat theddid għall-interessi tas-sigurtà tal-UE u/jew tal-Istati Membri tagħha;

16. JISSOTTOLINJA l-importanza tal-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni sabiex jitnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi fuq teknoloġiji li huma kruċjali għall-proġetti spazjali attwali u futuri fl-UE, kif ukoll għall-Programmi Spazjali tal-UE, waqt li jsaħħaħ ukoll il-kompetittività globali tal-industrija spazjali tal-UE; IĦEĠĠEĠ lill-Kummissjoni biex tiżviluppa pjan direzzjonali għall-attivitajiet futuri ta' riċerka u innovazzjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-industrija tal-UE, u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;
17. JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li titħaffef l-innovazzjoni f'teknoloġiji emerġenti fixkiela, bħal aċċess ġdid għat-teknoloġiji spazjali, servizz ta' manutenzjoni fl-orbita, konnessjonijiet intersatellitari, jew teknoloġiji ta' kriptaġġ;

III. NIRRISPONDU GĦAT-THEDDID SPAZJALI

18. JENFASIZZA li ż-żieda fis-sigurtà spazjali għandha ssaħħaħ is-sigurtà tal-UE u tal-Istati Membri tagħha; JISĦAQ FUQ il-ħtieġa li tiżdied il-possibbiltà li, skont il-każ, jintużaw l-għodod kollha disponibbli għall-prevenzjoni tat-theddid spazjali, għall-iskoraġġiment tiegħu, u, jekk meħtieġ, għal rispons xieraq għalih;

19. Abbażi tal-esperjenza miksuba fl-aħħar snin fl-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021⁸, JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex isaħħaħ l-Arkitettura ta' Rispons għat-Theddid Spazjali, u jesplora rispons addizzjonali bħal dikjarazzjonijiet u miżuri preventivi, stabbilizzanti u kooperattivi skont il-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni, inkluż, jekk meħtiegħ, miżuri restrittivi; għal dan l-għan, JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli biex f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, għall-aspetti ta' tisħiħ tal-kapaċitajiet, u f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, jiżviluppa sett ta' għodod għar-rispons konġunt tal-UE għall-imġiba irresponsabbli u ostili fil-qasam tal-ispazju li jikkomplementaw il-qafas ta' sigurtà diġà stabbilit f'oqsma strateġiċi oħra u b'mod partikolari s-sett ta' għodod taċ-ċiberdiplomazija u sett ta' għodod ibridi, u jieħdu vantaġġ mill-esperjenza miksuba mill-istabbiliment ta' dawn is-settijiet ta' għodod;

⁸ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 tat-30 ta' April 2021 dwar is-sigurtà tas-sistemi u s-servizzi skjerati, operati u użati taħt il-Programm Spazjali tal-Unjoni li jistgħu jaffettwaw is-sigurtà tal-Unjoni, u li tħassar id-Deċiżjoni 2014/496/PEK, kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2023/598 tal-14 ta' Marzu 2023 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2021/698 sabiex jiġi inkluż il-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sikura.

20. IFAKKAR li d-deċiżjoni li kwalunkwe theddida spazjali tiġi attribwita lil attur ta' pajjiż terz tibqa' deċiżjoni politika sovrana tal-Istati Membri abbażi ta' firxa wiesgħa ta' intelligence u informazzjoni kif ukoll evidenza teknika, u għandha tittieħed skont il-każ u f'konformità mad-dritt internazzjonali dwar ir-responsabbiltà tal-istat; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li jissaħħu l-kondiviżjoni tal-informazzjoni u l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri kif ukoll mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) sabiex tkun tista' tinkiseb informazzjoni dwar is-sigurtà u intelligence f'waqthom, inkluż fir-rigward ta' attribuzzjoni, fejn possibbli, u biex b'hekk ikun jista' jingħata rispons malajr, effettiv u sostanzjat lit-theddid spazjali u lill-azzjoni ostili fil-qasam tal-ispazju;
21. JENFASIZZA li sabiex is-sistemi u s-servizzi tal-UE u tal-Istati Membri jiġu protetti minn theddid, l-intelligence strateġika għandha tkun ikkomplementata minn informazzjoni robusta, azzjonabbli u f'waqtha dwar l-avvenimenti rilevanti għas-sigurtà fil-qasam tal-ispazju; JENFASIZZA li dan l-għarfien tad-dominju spazjali (SDA) huwa essenzjali sabiex jappoġġa d-deċiżjoni li twassal għal rispons għat-theddid spazjali u azzjoni ostili; IFAKKAR li l-SDA huwa prerogattiva sovrana u kapaċità sovrana tal-Istati Membri li tirriżulta minn varjetà ta' sorsi u li l-kondiviżjoni ta' din l-informazzjoni hija deċiżjoni sovrana u volontarja ta' kull Stat Membru; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli, l-Istati Membri b'kapaċitajiet u assi rilevanti, u lill-Kummissjoni, kif xieraq, biex jiddefinixxu l-arranġamenti għall-kondiviżjoni u l-użu ta' informazzjoni SDA bħal din, bil-ħsieb li l-Kunsill ikun jista' jkollu diskussjoni infurmata dwar ir-rispons għal theddid spazjali speċifiku;

22. JISTIEDEN lill-Istati Membri biex, fejn xieraq, isaħħu l-kooperazzjoni ċivili-militari fit-taħriġ għas-sigurtà u d-difiża spazjali, u jżidu l-kompetenza Ewropea fl-eżerċizzji, id-disinn, l-ippjanar, u l-evalwazzjoni, billi jutilizzaw il-ħiliet u l-kapaċitajiet tal-Istati Membri; filwaqt li jislet mill-eżerċizzju annwali dwar l-implimentazzjoni tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/698 u minn eżerċizzji spazjali oħra organizzati mill-Istati Membri u s-sħab, JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex jistabbilixxi pjan pluriennali għal eżerċizzji regolari għas-sigurtà u d-difiża tal-ispazju li jkunu interkomunitarji u fuq diversi livelli sabiex jiġi ttestjat u żviluppat ir-rispons tal-UE għal inċidenti tas-sigurtà spazjali fuq skala kbira, bis-sehem tal-Kunsill, il-Kummissjoni, u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bħall-EUSPA, l-Istat Maġġur tal-UE, u l-EU SatCen, u atturi privati rilevanti fejn xieraq; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli jinvolvi lill-gruppi ta' ħidma rilevanti tal-Kunsill kif xieraq, fosthom il-Kumitat Militari tal-UE; JENFASIZZA li tali programm ta' eżerċizzji spazjali għandu jkun marbut mal-politika ġenerali tal-UE dwar l-eżerċizzji u jikkontribwixxi għaliha;

23. F'konformità mal-Boxxla Strateġika, JENFASIZZA l-ħtieġa li jsir aktar investment f'assistenza reċiproka kif minqux fit-Trattati tal-UE (l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea), b'mod konsistenti mal-prinċipji rilevanti tad-dritt internazzjonali u b'kont meħud tal-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża ta' ċerti Stati Membri; JISSOTTOLINJA li l-attakki fil-qasam tal-ispazju jistgħu jammontaw għal aggressjoni armata kontra Stat Membru wieħed jew aktar fit-territorju tagħhom u b'hekk jikkostitwixxu raġunijiet biex jiġi invokat l-Artikolu 42(7) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea; JISĦAQ fuq l-importanza li tiżdied it-tħejjija; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli jkompli l-ħidma li għaddejja mal-Istati Membri permezz ta' eżerċizzji regolari dwar l-implimentazzjoni tal-artikolu, fl-oqsma strateġiċi kollha, inkluż avvenimenti relatati mal-ispazju li jammontaw għal aggressjoni armata kontra Stat Membru wieħed jew aktar;

IV. TISĦIĦ TAL-UŻU TAL-ISPAZJU GĦAS-SIGURTÀ U D-DIFIŻA

24. IFAKKAR li l-ispazju huwa faċilitatur kritiku għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet militari kif ukoll wieħed mill-oqsma operazzjonali tagħhom flimkien ma' dawk tal-art, tal-baħar, tal-ajru u ċibernetiku;

25. ITENNI l-ħtieġa li d-dimensjoni spazjali tiġi integrata bis-sħiħ fl-ippjanar u t-twettiq tal-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), u, għal dan l-għan, JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli biex jiżviluppa kunċetti għall-użu tal-ispazju f'impenji operazzjonali tal-PSDK, f'koerenza sħiħa mal-impenn internazzjonali tal-UE li ilu jeżisti biex isaħħaħ is-sigurtà, l-istabbiltà, is-sikurezza, u s-sostenibbiltà tal-ispazju ekstrasferiku u jipprevjeni tellieqa tal-armi fl-ispazju ekstrasferiku jew il-kunflitt armat fl-ispazju ekstrasferiku;
26. JENFASIZZA n-natura ta' użu doppju tal-bieċa l-kbira tal-kapaċitajiet spazjali; JIRRIKONOXXI l-ħtieġa li jintużaw, u tittieħed l-opportunità biex jiġu żviluppati aktar, servizzi għall-użu mill-gvern fil-livell tal-UE, inkluż għas-sigurtà u d-difiża, mingħajr ma jiġu dduplikati l-kapaċitajiet eżistenti jew ippjanati fil-livell nazzjonali u jiġu rrispettati bis-sħiħ il-kompetenzi tal-Istati Membri dwar din il-kwistjoni, filwaqt li jiġu ppreservati wkoll il-kontroll ċivili u n-natura tal-Programmi Spazjali tal-UE u, fl-istess ħin, tingħata prijorità lill-kisba tal-oġettivi kollha tal-Programmi Spazjali tal-UE ta' dan il-QFP;

27. JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tikkunsidra r-rwol dejjem jikber tal-ispazju fis-sigurtà u d-difiża fl-evoluzzjoni tal-Programmi Spazjali tal-UE; f'dan il-kuntest, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tkompli ssaħħaħ is-sinerġiji bejn il-Programmi Spazjali tal-UE, il-Fond Ewropew għad-Difiża, u Orizzont Ewropa; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tqis il-ħtiġijiet tal-utenti tas-sigurtà u tad-difiża relatati mal-ispazju f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati rilevanti; u JAPPELLA lill-Kummissjoni biex tieħu kont tal-ħtiġijiet u r-rekwiżiti meħtieġa ta' sigurtà u ta' difiża fil-ħolqien u d-disinn ta' sistemi u servizzi spazjali potenzjali ġodda tal-UE u fit-titjib ta' dawk eżistenti;
28. JAPPELLA lill-EDA tidentifika l-ħtiġijiet u r-rekwiżiti tad-difiża relatati mal-ispazju espressi mill-Istati Membri; u JINKORAĠĠIXXI lill-Istati Membri u lill-EDA biex jużaw l-opportunità pprovduta mir-reviżjoni tal-Pjan tal-Iżvilupp tal-Kapaċitajiet biex jistabbilixxu livell għoli ta' ambizzjoni għall-iżvilupp ta' kapaċitajiet kollaborattivi ta' difiża spazjali fil-livell tal-UE;

29. JISSOTTOLINJA r-rwol strumentali taċ-Ċentru Satellitari tal-Unjoni Ewropea (SatCen) fl-appoġġ tat-teħid tad-deċiżjonijiet awtonomu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha bħala kapaċità awtonoma Ewropea li ttipprovdi prodotti u servizzi li jirriżultaw mill-isfruttament tal-assi spazjali rilevanti u d-data kollaterali; JISĦAQ li l-Boxxla Strateġika tappella għat-tisħiħ tal-EU SatCen biex tingħata spinta lill-kapaċità awtonoma tal-intelligence ġeospazjali tal-UE; JISSOTTOLINJA li l-awtonomija tagħha tiddependi fuq diversità ta' sorsi ta' immaġnijiet satellitari u data kollaterali; JILQA', f'dan il-kuntest, l-iffirmar ta' Arranġament Qafas Konġunt rigward l-aċċess għal data governattiva mill-ispazju tal-osservazzjoni tad-dinja għall-EU SatCen kif ukoll kwalunkwe proġett tal-PESCO attwali u futur rilevanti, bħal "Ċentru Komuni għall-Immaġnijiet mill-Gvern";

30. JILQA' l-valutazzjoni li jmiss tal-opzjonijiet possibbli għall-iżvilupp ta' servizz governattiv potenzjali għid tal-UE għall-osservazzjoni tad-dinja li jikkomplementa l-kapaċitajiet eżistenti u ppjanati, jirrispondi għall-ħtiġijiet identifikati, u jqis l-inizjattivi eżistenti fil-qafas tal-Fond Ewropew għad-Difiża u l-proġetti PESCO, bħal EDF22 SPIDER u ċ-"Ċentru Komuni għall-Immaġnijiet mill-Gvern" (CoHGI); JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tivvaluta l-opzjonijiet ta' implimentazzjoni fit-tul f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, inkluż potenzjalment għal kapaċitajiet futuri ta' osservazzjoni tad-dinja fl-UE u biex tesplora rwol ta' inkwilin ewlieni billi tixtri data u servizzi, b'mod partikolari permezz tal-EU SatCen; IFAKKAR li l-Istati Membri għandu jkollhom rwol ċentrali fil-governanza ta' tali servizz potenzjali, kemm fid-definizzjoni kif ukoll fl-implimentazzjoni tiegħu, u JENFASIZZA l-ħtieġa li jittieħed kont tal-għarfien espert u l-komplementarjetà tas-SatCen u l-EUSPA; JAGĦRAF il-proposta tal-Kummissjoni biex tgħin fid-definizzjoni ta' governanza xierqa permezz ta' "proġett pilota" ttestjat f'Copernicus fil-QFP 2021-2027 mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe deċiżjoni dwar il-QFP futur, inkluż biex jiġi żgurat il-livell xieraq ta' sigurtà, u biex jiġu identifikati t-teknoloġiji rilevanti; JISĦAQ fuq il-ħtieġa li tiġi rispettata n-natura ċivili ta' Copernicus u li tiġi ppreservata l-politika attwali tiegħu dwar id-data u l-informazzjoni;

31. JISSOTTOLINJA li l-għoti ta' informazzjoni relatata mal-għarfien tad-dominju spazjali huwa responsabbiltà nazzjonali; JINKORAĠĠIXXI l-iżvilupp ta' kapaċitajiet dedikati addizzjonali meħtieġa għall-għarfien tad-dominju spazjali, bħal sensuri, kapaċitajiet ta' analiżi, u teknoloġiji oħra, b'mod kollaborattiv meta jkun possibbli, inkluż bl-appoġġ finanzjarju tal-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF); JINNOTA l-proposta mill-Kummissjoni għal proġett pilota li għandu jiġi implimentat f'kooperazzjoni mill-qrib mar-Rappreżentant Għoli u l-Istati Membri biex jiġu esplorati sinerġiji futuri mas-sottokomponent tas-Sorveljanza u l-Insewiment fl-Ispazju tal-UE (EU SST); JILQA' l-proġetti tal-PESCO li jappoġġaw in-networking tal-kapaċitajiet ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali fost l-Istati Membri tal-UE (bħan-"Network ta' Sensibilizzazzjoni tas-Sorveljanza Spazjali Militari Ewropew" (EU-SSA-N)); ITENNI l-appoġġ tiegħu għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-EU SST;
32. JENFASIZZA li s-servizzi reżiljenti tal-Pożizzjonament, Navigazzjoni u Sinkronizzazzjoni (PNT) bħas-Servizz Pubbliku Regolat (PRS) ta' Galileo, huma faċilitaturi kritiċi għall-atturi ċivili u militari; JIRRIKONOXXI li l-għoti ta' aċċess mhux limitat u mingħajr interruzzjoni għall-PRS madwar id-dinja ser isaħħaħ il-komponent tas-sigurtà u d-difiża tal-kapaċitajiet tal-PNT tal-UE; JENFASIZZA l-importanza li Galileo jiġi żviluppat aktar bħala l-istandard awtonomu tas-Sistema Ewropea ta' Navigazzjoni Globali bis-Satellita taħt kontroll ċivili sabiex ikun f'pożizzjoni tajba fir-rigward ta' sistemi oħra ta' navigazzjoni bis-satellita li qed jintużaw;

33. JILQA' l-iżvilupp ta' servizzi ta' komunikazzjoni siguri u reżiljenti għall-utenti governattivi permezz tal-IRIS², u, f'dan il-kuntest, JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tesplora, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-iżvilupp potenzjali ta' servizzi addizzjonali fi ħdan l-IRIS², inkluż għal finijiet ta' sigurtà u difiża; JAGĦRAF il-kontribut tal-Aġenzija Spazjali Ewropea (ESA) permezz tal-programm fakultattiv tagħha stess relatat mal-konnettività sigura u r-rwol tagħha kif definit fir-Regolament li jistabbilixxi l-Programm tal-Unjoni għal Konnettività Sigura għall-perjodu 2023-2027;
34. JENFASIZZA l-ħtieġa imperattiva li l-UE u l-Istati Membri tagħha jiżguraw aċċess awtonomu, affidabbli, sikur, sigur, kosteffettiv u kompetittiv għall-ispazju, inkluż għas-sigurtà u d-difiża, u għalhekk JENFASIZZA l-importanza ta' faċilitajiet suffiċjenti ta' llanċjar fl-UE, inkluż launch pads li jappoġġaw l-aċċess awtonomu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha għall-ispazju; JAPPOĠĠA l-ispinta proposta għal sistemi ta' lanċjaturi innovattivi, affidabbli u versatili tal-UE li jistgħu jsaħħu l-aċċess tal-UE għall-ispazju, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-ESA u mingħajr preġudizzju għall-attivitajiet tagħha f'dan il-qasam, li jikkomplementaw il-lanċjaturi eżistenti tal-UE meħtieġa għall-illanċjar tal-komponenti tal-Programm Spazjali tal-UE; JENFASIZZA li l-applikazzjoni ta' preferenza Ewropea hija kruċjali biex jintlaħqu l-oġettivi tar-Regolament dwar l-Ispazju; JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tesplora modi potenzjali ta' mutwalizzazzjoni tad-domanda għal servizzi Ewropej ta' llanċjar u ta' appoġġ għall-iżvilupp ta' innovazzjonijiet li jbiddu l-istatus quo, li huwa fundamentali għall-kompetittività tal-industrija ta' llanċjar tal-UE; IFAKKAR fil-ħtieġa li tiġi defnita viżjoni strateġika Ewropea biex jiġi żgurat aċċess awtonomu affidabbli u kosteffettiv għall-ispazju; JISTIEDEN lill-Kummissjoni tipproponi pjan komprensiv biex tiżgura li l-ħtiġijiet istituzzjonali tagħha, flimkien mal-ħtiġijiet militari u ta' sigurtà tal-Istati Membri, ikunu koperti bis-sħiħ fis-snin li ġejjin;

35. IFAKKAR li l-ħidma kollaborattiva bejn in-negozji ġodda tal-ispazju, tas-sigurtà u tad-difiża ser tinkoraġġixxi l-iżvilupp ta' teknoloġiji emerġenti u fixkiela u soluzzjonijiet innovattivi ħafna għas-sigurtà u d-difiża, u trawwem il-kompetittività u l-innovazzjoni ġenerali tal-industriji tal-ispazju u tad-difiża tal-UE; JISSOTTOLINJA l-ħtieġa li tissaħħaħ il-kooperazzjoni bejn in-negozji ġodda u l-atturi industrijali stabbiliti, kif ukoll li tiġi promossa l-inklużività tal-Intrapriżi Żgħar u ta' Daqs Medju; u JAPPELLA biex isir l-aħjar użu mill-istrumenti disponibbli fil-livell tal-UE, bħall-inizjattiva ta' intraprenditorija spazjali CASSINI u l-Iskema għall-Innovazzjoni fid-Difiża – inkluż "Spazju Ġdid";
36. JINKORAĠĠIXXI, f'kuntast ta' nuqqas ta' hiliyet madwar l-UE fil-qasam tal-ispazju, is-sigurtà u d-difiża, l-iżvilupp ta' hiliyet fl-amministrazzjoni pubblika, inkluż id-difiża u l-intelligence, u fl-industrija tal-UE; JAPPOĠĠA l-immappjar mill-EDA tal-attivitajiet edukattivi u ta' taħriġ dwar is-sigurtà u d-difiża spazjali biex tiġi appoġġata l-amministrazzjoni pubblika, inkluż il-forzi armati u l-intelligence; JISTIEDEN lill-Kulleġġ Ewropew ta' Sigurtà u ta' Difiża, f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u l-EDA, biex jippromwovi l-iskambju tal-aħjar prattiki, għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-hiliyet tad-difiża spazjali; JILQA' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tiżviluppa l-Akkademja Spazjali tal-UE u sħubija fuq skala kbira dwar il-hiliyet, bl-appoġġ tal-EUSPA; u JINKORAĠĠIXXI lill-Kummissjoni tappoġġa aktar ir-raggruppamenti u l-inizjattivi reġjonali li jikkontribwixxu għat-tisħiħ tal-hiliyet fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża spazjali;

V. SĦUBIJA GĦAL IMĠIBA RESPONSABBLI FL-ISPAZJU EKSTRATMOSFERIKU

37. JAFFERMA MILL-ĠDID li l-prinċipji kondiviżi globalment ta' mġiba responsabbli jikkontribwixxu għaż-żieda fil-kooperazzjoni internazzjonali fl-ispazju, it-tisħiħ tas-sigurtà fl-ispazju, l-impenn għan-nuqqas ta' interferenza reċiproka fl-esplorazzjoni paċifika u l-użu tal-ispazju ekstrasferiku, il-faċilitazzjoni ta' aċċess ekwu għall-ispazju ekstrasferiku, u ż-żieda fit-trasparenza u l-fiduċja fit-twettiq tal-attivitajiet spazjali; JISSOTTOLINJA li ċerta mġiba mill-istati fl-ispazju ekstrasferiku tista' tkun ta' theddida jew perċepita bħala theddida u tista' twassal għal eskalazzjoni mhux ikkontrollata, inkluż permezz ta' fehim ħażin, miżinterpretazzjoni, jew kalkolu ħażin;

38. JAFFERMA MILL-ĠDID li, minħabba n-natura ta' użu doppju ta' ħafna sistemi spazjali, approċċ li jnaqqas it-theddid spazjali permezz ta' mgħiba responsabbli, appoġġat minn kapaċitajiet ta' monitoraġġ rilevanti, huwa l-aktar triq 'il quddiem prammatika u immedjata biex tittejjeb is-sigurtà fl-ispazju llum il-ġurnata; JISSOTTOLINJA li n-normi, ir-regoli u l-prinċipji ta' mgħiba responsabbli għandhom jiġu kkunsidrati fil-firxa sħiħa ta' attivitajiet spazjali, u b'hekk jikkontribwixxu b'mod sinifikanti għall-promozzjoni tas-sigurtà fl-ispazju ekstrasferiku, kif ukoll għas-salvagwardja tal-użu stabbli, sikur u sostenibbli tal-ispazju ekstrasferiku għal skopijiet paċifiċi; ITENNI l-importanza ta' format inklużiv u approċċ b'diversi partijiet ikkonċernati, inkluż l-involvement ma' organizzazzjonijiet internazzjonali, atturi kummerċjali, u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, meta jiġi indirizzat it-theddid spazjali għall-paċi u s-sigurtà internazzjonali; JAFFERMA MILL-ĠDID ir-rieda tal-Istati Membri tal-UE li jkomplu jaħdmu taħt l-awspiċi tan-NU biex jistabbilixxu tali normi, regoli u prinċipji, filwaqt li jibnu fuq il-momentum tal-aħħar Grupp ta' Ħidma Miftuħ dwar it-tnaqqis tat-theddid spazjali permezz ta' normi, regoli u prinċipji ta' mgħiba responsabbli, inkluż dwar ir-risoluzzjoni 77/41 tal-AĠNU; ITENNI li l-impenji politikament vinkolanti relatati ma' mgħiba responsabbli ma jeskludux il-possibbiltà ta' strumenti legalment vinkolanti fil-futur, li, biex ikunu effettivi, iridu jkunu verifikabbli, u jkopru t-theddid rilevanti kollu;

39. JIKKUNDANNA t-twettiq ta' provi distruttivi ta' missili antisatellitari bi tluġh dirett bħala att ċar ta' mġiba irresponsabbli fl-ispazju ekstrasferiku; ITENNI l-impenn sod tal-Istati Membri tal-UE li ma jwettqux provi distruttivi ta' missili antisatellitari bi tluġh dirett skont ir-riżoluzzjoni 77/41 tal-AĠNU u JAPPELLA lill-Istati kollha biex jingħaqdu ma' dan l-impenn; JAFFERMA MILL-ĠDID li l-Istati Membri tal-UE huma lesti jaħdmu mal-Istati Membri kollha tan-NU biex jibnu fuq dan il-momentum biex ikomplu jindirizzaw imġiba irresponsabbli;
40. JAFFERMA MILL-ĠDID l-impenn tal-UE u tal-Istati Membri tagħha li jsegwu u jintensifikaw l-isforzi biex jindirizzaw l-isfidi fl-ispazju ekstrasferiku permezz ta' kooperazzjoni u kollaborazzjoni internazzjonali, bl-involviment tal-Istati Membri kollha tan-NU u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra u korpi tan-NU, speċjalment fil-proċessi relatati mal-Ewwel u r-Raba' Kumitati tan-NU; JIMPENJA RUĦU għal impenn kontinwu u kostruttiv fl-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti kollha, filwaqt li jenfasizza li d-dritt internazzjonali eżistenti japplika, mingħajr riżerva, fl-ispazju ekstrasferiku u fir-rigward tiegħu;

41. JENFASIZZA l-benefiċċji li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' sigurtà fl-ispazju bħala parti mid-djalogi rilevanti tal-UE ma' pajjiżi terzi u organizzazzjonijiet internazzjonali; JILQA' d-djalogi dwar is-sigurtà spazjali ma' sħab bilaterali u organizzazzjonijiet internazzjonali tal-istess fehma, b'mod partikolari d-djalogu li ilu jeżisti mal-Istati Uniti bħala sieħeb strateġiku; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni, f'konformità mar-rwoli u l-kompetenzi rispettivi tagħhom, biex jirrevedu d-djalogi bilaterali eżistenti dwar is-sigurtà fl-ispazju u, jekk meħtieġ, biex jipproponu li jinbdew djalogi simili ma' pajjiżi addizzjonali jew organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, kif ukoll biex jirrappurtaw regolarment lill-Istati Membri kemm dwar it-tnejn kif ukoll dwar l-eżiti ta' kull djalogu dwar is-sigurtà fl-ispazju, f'konformità mal-prattika stabbilita;

42. Wara t-tielet Dikjarazzjoni Konġunta dwar il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO tal-10 ta' Jannar 2023, JAFFERMA MILL-ĠDID il-ħtieġa li tissaħħaħ, tiġi approfondita u estiża aktar il-kooperazzjoni dwar l-ispazju man-NATO b'rispett sħiħ tal-prinċipji gwida maqbula, jiġifieri l-ftuħ reċiproku u t-trasparenza, ir-reċiproċità u l-inklużività, kif ukoll l-awtonomija tat-teħid tad-deċiżjonijiet taż-żewġ organizzazzjonijiet, u b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu evitati duplikazzjonijiet bla bżonn u li jinżammu koerenza u interoperabbiltà adegwati bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet; IĦEĠĠEĠ kooperazzjoni mill-qrib bejn il-persunal tal-UE u tan-NATO biex jiġu diskussi standards għas-sigurtà u d-difiża spazjali, inkluż glossarju u definizzjonijiet; JISTIEDEN lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jesploraw oqsma ġodda potenzjali għall-kooperazzjoni fil-qasam tal-ispazju, bħall-inklużjoni ta' komponent tal-qasam tal-ispazju f'eżerċizzji konġunti inklużivi, filwaqt li jkomplu l-prattika stabbilita ta' laqgħat reċiproċi ta' informazzjoni trażversali u stedinet reċiproċi għal avvenimenti rispettivi; f'dan il-kuntest, JILQA' l-ħidma li għaddejja dwar l-istabbiliment ta' djalogu strutturat dwar l-ispazju bejn l-UE u n-NATO fil-livell tal-persunal;

VI. KONKLUŻJONI

43. JAPPELLA lir-Rappreżentant Għoli u lill-Kummissjoni jimplimentaw l-Istrateġija Spazjali għas-Sigurtà u d-Difiża f'koordinazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u skont dawn il-konklużjonijiet;
44. JISTENNA B'INTERESS l-ewwel rapport annwali konġunt fl-2024 mir-Rappreżentant Għoli u l-Kummissjoni dwar il-progress miksub u azzjonijiet ulterjuri potenzjali.
